IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru5 (Ħamsa) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis 29 ta' Awwissu, 2019, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sindku ippresedja l-laqgħa

**5.1. Item Nru 5.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

5.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.45pm u kulħadd kien preżenti

**5.2. Item Nru. 5.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

5.2.1. Minuti tal-laqgħa numru 3 ttieħdu bħala moqrija u ġew approvati unanimament.

**5.3 Item Nru. 5.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

IX-XGĦAJRA

5.3.1 Is-Sindku s-Sur Neil Attard tkellem fuq il-qtugħ tal-ħaxix li qed isir u qal li issa kwazi ma fadallu xejn aktar. Jonqsu parti ta' wara l-lasti tal-ground tal-football. Il-Kunsill qabel li issa imiss lil Kuntrattur tal-knis biex jieħu ħsiebu u jara li t-toroq jibqgħu indaf minajr ħaxix ħazin.

5.3.2 Is-Sur Attard qal li ġew installati żewġ cameras f' Dawret ix-Xatt quddiem Triq iċ-Ċern. Dawn twaħħlu bi prova b'xejn ħalli naraw kif immorru bihom. Għalissa m'huma abbonati ma' ħadd imma r-recording jiġi aċċessat b'permezz ta' laptop minn taħthom. Il-Kunsill qabel li bihom il-cameras ser inkunu qed ninfurzaw il-problema tal-iskart.

Is-Sindku qal li jekk ikun hemm xi ħadd jarmi mhux kif suppost il-filmat ser jgħaddi lil ERA u tista tinħareġ multa ta' €450. Jekk min jarmi ikun b'karozza l-multa tista tkun aktar.

Is-Sur Attard qal ukoll li jekk ikun hemm kontravenzjonijiet ta' parking kif ukoll drifting. Il-Filmat ser nibgħatuh lil Pulizija.

Informazzjoni aktar dettaljata fil-laqgħa li jmiss.

5.3.3 Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jagħmel master plan fuq proġetti li jistgħu jitwettqu fix-Xgħajra u jintużaw fondi li għandna allokati mid-Development Funds. Għalhekk kull Kunsillieri huwa mistenni li jaħseb fi proġetti li jistgħu jitwettqu fis-snin li ġejjin. L-ammont allokat għax-Xgħajra huwa aktar minn 100,000 u ser nitolbu ċ-ċifra eżatta. Is-Sindku qal ukoll li meta napplikaw għal proġett il-Kunsill ikun irid joħroġ l-20% ta' proġett mil-allokazzjoni.

5.3.4 Is-Sur Attard qal li l-Kunsill huwa obbligat li jaħtar Deputat Segretarju Eżekuttiv fl-eventwalita li s-Segretarju Eżekuttiv jitlob li jkun nieqes mil-Kunsill. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv irid ikun fi skala 11 jew 10. Il-Kunsill wara diskussjoni qabel li tiġi nominata s-Sa. Josette Camilleri.

5.3.5 Is-Sindku ippropona li l-kunsill jiftaħ kontijiet bankarji mal-HSBC ukoll u l-Kunsill qabel unanimament.

5.3.6 Is-Sur Attard qal li wara konferenza stampa mis-Segretarju Parlamentari Silvio Parnis, il-Kunsilli Lokali ta' Malta u Għawdex huma obbligati li jaħtru Contracts'

Manager sal-31 ta' Diċembru, 2019. Kulħadd qabel li tibda l-proċedura tal-akkwist tas-servizz ta' Contracts' Manager.

5.3.7 Is-Sur Attard tkellem fuq il-proġett tal-Jogging track u qal li wara li erġajna bagħtna reminder lis-Supretendenza tal-Heritage biex jagħtu r-risposta tagħhom dawn irrispondew li huma ma jsibux oġġezzjoni għal proġett biss li ma jiżdidux aktar siġar.

Għalhekk il-Perit Robert Ellul Sciberras ser jaħdem fuq il-permess tal-Planning Authority biex ikompli għaddej għall-approvazzjoni.

5.3.8 Is-Sur Attard tkellem fuq permess PA9739/18 għaliex TM reġgħu talbu għal no objection mil-Kunsill għal traffic management permanenti. Il-Kunsill iddeċieda li jibqa bl-istess fehma u li ma jsibx oġġezzjoni sakemm dan it-traffic management ikun għal perjodu temporanju dak ta' 6 xhur.

5.3.9 Is-Sindku qal li hemm proposta li l-Kunsill jidħol b'kollaborazzjoni mal-Kummissjoni Interdjoċesana Ambjent u l-Knisja tax-Xgħajra f'attivita li ser issir nhar it-3 ta' Settembru max-Xatt. F' din l-attivita ser ikun hemm quddiesa fil-berah, kelliema dwar ambjent tax-Xgħajra.

Wara diskussjoni il-Kunsill qabel li jieħu sehem f'din l-attivita u li l-ispejjeż involuti ser ikunu ta' madwar €500.

Is-Sinjura Doris Borg xtaqet tirrimarka dan li Colin Apap ġie kkuntattjat permezz tal-mobile waqt il-laqgħa u huwa talab l-ismijiet tal-membri tal-Kunsill li kellhom xi oġġezzjoni fuq l-attivita` li kellha ssir ħdejn il-Milord. Indirizza lil Viċi Sindku bħala 'dik'. Is-Sinjura Borg tikkundanna din l-arroganza u ksur ta' etika ta' dil-persuna u tispera li dan l-aġir min-naħa tiegħu ma jirrepetix ruħu.

5.3.10 Is-Sur Attard ippropona li l-Kunsill jixtri 30 biljett ta' X-Fator sabiex nissupportjaw talent lokali li sejra tajjeb ħafna f'dan il-Programm.Il-Kunsill qabel unanimament.

5.3.11 Is-Sindku qal li sar tournament tal-football fejn il-Kunsill daħal f' kollaborazzjoni mal-Klabb tal-Football Xgħajra Tornadoes u li l-Kunsill ser joħroġ is-somma ta' €700. Kulħadd qabel fuq dan.

5.3.12 Is-Sindku qal li hemm periklu fit-taraġ li hemm taħt Triq Frans Minuti. Apparti din il-parti hemm ukoll periklu fejn il-Milord. Il-Kunsill diġa għandu rapport minn Inftrastructure Malta u ser jerġa jibgħat tfakkira fuqu.

5.3.13 Is-Sindku qal rridu nitolbu aġġornament mil-Perit dwar it-talba tal-Kunsill biex isiru pjanti oħra tal-isports Complex.

5.3.14 Is-Sindku qal li irċevejna l-approvazzjoni li Triq Orlando Zabbar il-parti ta' fuq diġi one way.

**5.4 Item Nru 5.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

5.4.1 Is-Sa. Rosabelle Pulis staqsiet jekk il-bandli ta' fejn il-latrina pubblika, max-Xatt, jistax jiġi magħluq b'fencing adegwat u grada. Is-Segretarju qal li ser jitlob għal laqgħa mal-MCCAA sabiex ituna l-parir taghhom

5.4.2 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk nistgħux nitolbu barrier fi Triq Alof De Wignacourt, fid-dawra, fejn id-Disma għaliex fit-triq qed izomm l-ilma u kif jgħaddu l-karozzi qed jaħslu 'l-min ikun għaddej. Kulħadd qabel.

5.4.3 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk nistgħu nagħmlu konkos fuq il-blat fejn diġa kien hemm pero li bil-maltemp tkisser. Il-Kunsill qabel li nkellmu lil Infrastructure Malta dwaru.

5.4.4 Is-Sa. Pulis staqsiet dwar il-ġabra tal-borża l-ħadra jekk nistgħux inżidu ġabra oħra. Is-Sindku qal li diġa hemm diskussjoni fir-Reġjun Xlokk fuq dan is-sugget u l-Kunsill applika biex tiżdied ġabra oħra. Il-Green Pak qed joġġezzjonaw għaliex minn Ottubru l-borża l-ħadra ser tonqos bl-introduzzjoni tal-ġbir tal-flixken tal-plastic li ser ikunu separatament.

5.4.5 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk tistax issir Stop fi Triq Leonard Mahoney fil-kantuniera ma' Triq il-Knisja minħabba li qed jibqgħu ħerġin il-karozzi u qed ikun hemm periklu.

5.4.6 Is-Sa. Pulis staqsiet jekk nistgħu nitolbu road hump oħra f' Dawret ix-Xatt aktar l-isfel minn fejn ġejja tan-naħa Smart City.

5.4.7 Is-Sinjorina Pulis irrimarkat li tixtieq li meta ssir attivita bil-Kunsill jew li l-Kunsill ikun kollaborant għandu jiġi infurmat il-Kunsill kollu u possibilment waqt laqgħa tal-Kunsill.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

5.4.8 Is-Sur Camilleri qal li jekk hux possibbli li lil Raymond Meli l-attendant tal-latrin pubblika intuh overtime minħabba li dan qed jiftaħ is-Sibt u l-Ħadd ukoll minajr ma jitħallas. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.4.9 Is-Sur Camilleri staqsa jekk nistgħux inċekknu l-biċċa ta' fejn hemm il-Monument tal-Ħelsien quddiem il-knisja. Il-Kunsill qabel unanimament u ser inkellmu lil Perit meta jiġi aġġudikat it-tender il-ġdid.

5.4.10 Is-Sur Camilleri staqsa jekk jistgħux isiru kaxxi tal-parking ġodda fi Triq il-Knisja għaliex qatt ma kien hemm u qed ikun hemm problema ta' parkeġġ.

5.4.11 Is-Sur Camilleri staqsa jekk jistgħux jitwaħħlu bins tal-klieb ġodda fejnl-Għassa kif ukoll Triq Alof De Wignacourt.

5.4.12 Is-Sa. Doris Borg staqsiet meta ser isir ix-xogħol fil-bandli biex naqalgħu it-tapit u nagħmlu membrane taħtu jew roof compound. Is-Segretarju qal li dan ix-xogħol beda din il-ġimgħa.

5.4.13 Is-Sa. Borg staqsiet jekk jistgħux isiru tabelli tal-ħmieġ tal-klieb u tabelli oħra għal ħmieġ taż-żwiemel. Is-Segretarju qal li ser nordnawhom ukoll.

5.4.14 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nirranġaw il-bankina ta' Dawret ix-Xatt kantuniera ma' Triq il-Fortizza tal-Grazzja. Is-Segretarju qal li ser tiddaħħal mal-programm ta' xogħol għal ħaddiema assenjati.

5.4.15 Is-Sa. Borg staqsiet jekk irrapurtajniex il-problema tal-ġrieden li hawn fix-Xgħajra kollha. Is-Segretarju qal li irrapurtajna mal-Environmental Health u ser jieħdu azzjoni.

5.4.16 Is-Sa. Borg staqsiet jekk nistgħux nitolbu laqgħa mas-Surmast tal-iskola u niddiskutu dwar programm ta' attivitajiet li jsir kemm mil-Iskola kif ukoll mil-Kunsill biex ikun hemm koordinazzjoni u naħdmu flimkien.

**5.5 Item Nru. 5.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

5.5.1 Ma kienx hemm rapporti.

**5.6 Item Nru. 5.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

IX-XGĦAJRA

5.6.1 Kollox ġie indirizzat fil-punti preċedenti.

**5.7 Item Nru. 5.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

5.7.1 Pagamenti b'numru 83 ġew approvati unanimament.

**5.8 Item Nru. 5.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

5.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**5.9 Item Nru. 5.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

5.9.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.45pm

Aġġornament għal-nhar it-Tnejn 9 ta' Settembru, 2019 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Neil Attard |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1360 – Malta
Tel: 21693269
E-Mail xghajra.lc@gov.mt